## Il-Ħadd, 6 ta' Settembru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub,
mur sibu waħdu u widdbu.
Jekk jisma' minnek,
tkun irbaħt lura lil ħuk.
Jekk ma jismax, erġa' mur
u ħu miegħek
wieħed jew tnejn oħra,
biex kulma jingħad jissaħħaħ
bil-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta.
Jekk imbagħad anqas minnhom
ma jkun irid jisma',
mur għid lill-knisja.
U jekk anqas mill-knisja
ma jkun irid jisma'
żommu b'wieħed pagan
u pubblikan."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 18, versi 15-20***

# 194

"L-atteġġjament hu dak
tad-delikatezza, tal-prudenza,
tal-umiltà, tal-attenzjoni lejn min
ikun dineb, billi jiġi evitat kliem
li jista' jweġġa' u joqtol lil ħuk.
Għax intom tafu li anki l-kliem
joqtol! Meta jien inqassas,
meta nagħmel kritika nġusta,
meta jien inqaxxar lil ħija b'ilsieni,
inkun qed noqtol il-fama tiegħu!
Din id-diskrezzjoni li nkellmuh
waħdu għandha wkoll l-għan
li ma tumiljax lill-midneb.
Id-diskors isir ras imb ras, ħadd
ma jinduna b'xejn, u jispiċċa kollox."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 7 Settembru 2014

*Inħossni responsabbli tal-oħrajn?*

*Korrezzjoni fejn ikun meħtieġ, kif nagħmilha?*

# Li tikkoreġi lil xi ħadd

Li tikkoreġi lil xi ħadd, Mulej, hija responsabbiltà
li aħna ma nistgħux infarfruha minn fuq spallejna.
Hija responsabbiltà li toħroġ mill-fatt
li aħna msejħin biex noħorġu l-aħjar minn xulxin
għall-ġid ta' kulħadd.
Imma hija responsabbiltà li titlob
atteġġjament fundamentali: dak tal-imħabba,
dik l-imħabba li ma tafx ħlief tirrispetta bil-kbir
lil dak li jkun;
dik l-imħabba li ma tafx ħlief terfa' 'l fuq
id-dinjità ta' min ikun żbalja;
dik l-imħabba li ma tafx ħlief tagħmel kuraġġ
lil dak li jkun biex ikun jista' jagħraf l-iżball tiegħu
u jagħmel xi ħaġa dwaru.
Ħa nwettquha b'din l-imħabba, Mulej,
ir-responsabbiltà li aħna għandna.

## It-Tnejn, 7 ta' Settembru 2020

F'jum is-Sibt Ġesù daħal
fis-sinagoga ... Kien hemm raġel
li kellu idu l-leminija niexfa.
Il-kittieba u l-Fariżej kienu
moħħhom fih biex jaraw jekk
ifejjaqx f'jum is-Sibt, ħalli b'hekk
isibu fuqiex jixluh. Iżda hu għaraf
ħsibijiethom, u qal lir-raġel li kellu
idu niexfa: "Qum, u oħroġ fin-nofs!"
Dak qam u ħareġ fin-nofs.
U qalilhom Ġesù: "X'jiswa nhar ta'
Sibt, tagħmel il-ġid jew tagħmel
id-deni? Issalva ħajja jew teqridha?"
U xeħet ħarsa madwaru fuqhom
ilkoll, u qal lir-raġel: "Midd idek!"
Hekk għamel dak, u idu
reġgħet saritlu qawwija u sħiħa.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 6, versi 6-10***

**195**

"Ġesù m'għamilx biss
mirakli ta' fejqan:
dawn kienu biss sinjali tal-Miraklu
li Hu l-ħin kollu jagħmel, jiġifieri,
li jagħmel kollox mill-ġdid;
dak il-miraklu li Hu qed jagħmel
fil-ħajja tiegħi, fil-ħajja tiegħek,
fil-ħajja tagħna.
Huwa hu li jagħmel mill-ġdid
il-ħwejjeġ meraviljużi tal-ħolqien,
u minħabba f'hekk
aħna għandna għalxiex
nimtlew bit-tama. U din it-tama
ma tqarraqx, għaliex Huwa fidil:
ma jistax jiċħad lilu nnifsu."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 9 Settembru 2013

*Lil Kristu,*
*fiex inħallih*
*ilaqqamni:*
*fl-ottimiżmu*
*jew*
*fit-tama?*

*X'inhi*
*d-differenza*
*għal ħajti?*

# Tazza mimlija

Fejn tidħol Inti, Mulej,
fejn tidħol il-ħidma li Inti tixtieq twettaq fija,
din mhijiex xi azzjoni min-naħa tiegħek
biex jien insir bniedem ottimista;
biex biha nimla żaqqi
li t-tazza ta' ħajti
hija għall-inqas nofsha mimlija.
Għax Inti ma temminx bin-nofsijiet.
U għalhekk,
Inti trid twettaq fija
dak il-miraklu
li bih tagħmilni mill-ġdid.
Għalhekk,
Inti ma toqgħodx bi kwietek
qabel ma tara
li t-tazza tiegħi tkun mimlija kollha kemm hi, fiK.

## It-Tlieta, 8 ta' Settembru 2020

Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu,
bin David,
bin Abraham.
Abraham nissel lil Iżakk ...
Ġesse nissel lil David,
is-sultan.
David nissel lil Salamun
mill-mara ta' Urija ...
Ġosija nissel lil Ġekonija
u lil ħutu;
kien żmien l-eżilju f'Babilonja.
Wara l-eżilju f'Babilonja,
Ġekonija nissel lil Salatjel ...
Ġakobb nissel lil Ġużeppi,
ir-raġel ta' Marija,
li minnha twieled Ġesù
li jsejħulu l-Messija.

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 1, versi 1-2a. 6. 11-12a. 16***



"Is-silta
tal-arblu tar-razza ta' Ġesù
mhux xi elenku telefoniku,
imma turi verità importanti:
Alla ried li jsir Storja ...
Il-waqgħa tal-bniedem,
lil Alla tatu din l-idea
li jagħmel mixja magħna.
L-istorja tagħna hija magħmula
minn qdusija u dnub:
fl-elenku
tal-arblu tar-razza ta' Ġesù
hemm qaddisin u midinbin.
U dan huwa s-sabiħ:
Alla jagħmel l-istorja magħna."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 17 Diċembru 2013

*Lil Alla*
*kemm inħalliH*
*jitħallat*
*miegħi?*

*Kemm*
*inħalli lili nnifsi*
*nitħallat*
*ma' Alla?*

# Biex Alla jsir Storja

Mulej, Alla tagħna, Inti - fl-għerf tiegħek -
tagħżel li ssir Storja:
tagħżel li ssir Alla li titħallat magħna l-bnedmin;
tagħżel li tieħu dak li hu tagħna
biex tagħtina dak li huwa tiegħek;
tagħżel li tagħmel tiegħek il-ġisem fraġli tagħna
biex mill-ġdid tonfoħ ġo fih l-ispirtu tiegħek.
Fil-milja taż-żminijiet dan Inti wettaqtu bil-kbir
saħansitra permezz ta' waħda minna l-bnedmin,
Marija ta' Nazaret.
Hija l-mara li tidħol ġo fik b'ruħha u ġisimha;
u Inti - min-naħa tiegħek -
tidħol ġo fiha b'ruħek u ġismek;
u l-iStorja tagħna - grazzi wkoll għaliha -
ma tibqax l-istess.
Ħa nfittxu li nitħalltu dejjem iżjed miegħek, Mulej.

## L-Erbgħa, 9 ta' Settembru 2020

Ġesù rafa' għajnejh
lejn id-dixxipli tiegħu u qal:
"Henjin intom il-foqra,
għax tagħkom hija s-Saltna ta' Alla.
Henjin intom li għalissa bil-ġuħ,
għax għad tkunu mxebbgħin.
Henjin intom li għalissa tibkbu,
għax għad tithennew.
Henjin intom
meta minħabba Bin il-bniedem
in-nies jobogħdukom,
jaqtgħukom minn magħhom,
jgħajrukom u jwarrbu isimkom
bħallikieku kien xi ħaġa ħażina.
Dakinhar li jiġrilkom hekk,
ifirħu u aqbżu bil-ferħ, għax araw,
ħlaskom kbir ikun fis-sema."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 6, versi 20-23a***

**197**

"Il-faqar fl-ispirtu hu marbut ħafna ma' dik l-'indifferenza qaddisa' li kien jipproponi Sant'Injazju ta' Loyola, li biha nistgħu naslu għal libertà interjuri tassew sabiħa: 'Għaldaqstant hu meħtieġ li nagħmlu lilna nfusna indifferenti għall-ħwejjeġ kollha maħluqa, sakemm hu mħolli f'idejna li nagħżlu ... Dan ifisser li min-naħa tagħna ma nfittxux iktar is-saħħa mill-mard, l-għana mill-faqar, il-ġieħ mit-tmaqdir, ħajja twila iktar milli qasira; u l-istess għall-ħwejjeġ l-oħra kollha.'"

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika,
*Gaudete et Exsultate*, nru 69, 19 Marzu 2018

*Kemm hija importanti għalija l-libertà vera?*

*Il-proposta ta' Kristu tagħmel sens?*

# Indifferenza qaddisa

Xi grazzja, Mulej,
li jien nibqa' fil-paċi,
ikunu x'ikunu
ċ-ċirkustanzi li nsib ruħi fihom!
Xi grazzja
li jien nibqa' hieni
meta nkun b'saħħti u meta nkun marid!
Xi grazzja
li jien inkun naf ngħix
meta jien sinjur u meta jien fqir!
Xi grazzja
li jien ma niżbilanċjax ruħi
meta lili jfaħħruni u meta jmaqdruni!
Xi grazzja li jien inkun indifferenti
lejn ħajti jekk tkunx twila jew qasira!
Agħtihieli din il-libertà vera, Mulej.

## Il-Ħamis, 10 ta' Settembru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom. Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra ... Jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax il-midinbin ukoll iħobbu lil min iħobbhom ... Imma intom ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid, isilfu bla ma tistennew xi ħaġa lura, u l-ħlas tagħkom ikun kbir; u tkunu wlied Alla l-Għoli, li hu tajjeb mal-ingrati u l-ħżiena."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 6, versi 27b-29a. 32. 35***

# 198

"Ġesù mhuwiex xi idealista, li jiġi jaqa' u jqum mir-realtà; jitkellem dwar għadu veru ... Ma jistedinniex għal xi mħabba astratta, imfassla fuq l-iskrivaniji għad-diskorsi. It-triq li jipproponilna hi dik li hu stess għadda minnha l-ewwel, li għamlitu jħobb lil dawk li ttradewh ... Meta jistedinna nħobbu u nagħmlu l-ġid Huwa qed jgħidilna biex nagħmlu ħafna iktar milli ninjoraw lil min iweġġagħna: meta nsemmu ismu, nagħmlu hekk biex nagħtu bidu għal rabta ġdida li twassal għall-paċi."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija,*
Vjaġġ Appostoliku fl-Afrika, 6 Settembru 2019

# Biex ma jibqax għadu

*Din ġennata*
*ta' Ġesù*
*li jgħidli*
*biex inħobb*
*lill-għedewwa?*

*Fiex jien*
*fiha?*

Mulej, l-uġigħ li nġarrbu
minn dawk li nħossuhom għedewwa tagħna
huwa uġigħ tassew, u kif!
U biex neħilsu minn uġigħ bħal dan
jiġuna f'moħħna ħafna ħwejjeġ.
Imma Inti għandek il-ħaġa partikulari tiegħek
ta' x'wieħed jagħmel bl-għedewwa:
li tħobbhom u li tagħmlilhom il-ġid.
Din hija t-triq waħdanija
li lil għadu ma tħallihx jibqa' għadu,
mhux għax jiġi eliminat,
imma għax isir proxxmu.
Agħtina l-kuraġġ li neħtieġu, Mulej,
biex inqiegħdu lilna nfusna f'din it-triq;
biex dak li għamilt Inti qabilna,
nagħmluh aħna wkoll.

## Il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru 2020

Ġesù
qal parabbola
lid-dixxipli tiegħu:
"Jista' għama
jmexxi għama ieħor?
Mhux it-tnejn
jaqgħu
fil-ħofra?
Id-dixxiplu
mhuwiex aqwa
mill-imgħallem tiegħu;
imma
kull min itemm
it-taħriġ tiegħu
jsir
bħall-imgħallem
tiegħu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 6, versi 39-40***



"Ġesù jrid jisħaq li min jiggwida lill-oħrajn ma jistax ikun għama, imma jrid ikollu vista tajba, jiġifieri jkollu d-dehen li jmexxi bil-għaqal, inkella jirriskja li jagħmel id-deni lil min jafda fih. B'hekk Ġesù jiġbed l-attenzjoni ta' kull min għandu responsabbiltajiet edukattivi jew ta' tmexxija - ir-rgħajja tal-erwieħ, l-awtoritajiet pubbliċi, il-leġislaturi, l-għalliema, il-ġenituri - u jħeġġiġhom biex jagħrfu x'inhu l-irwol delikat tagħhom u jiddixxernu dejjem it-triq it-tajba li fiha għandhom imexxu lin-nies."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 3 Marzu 2019

*Kif qed ngħixha*
*r-responsabbiltà*
*li mmexxi*
*lill-oħrajn?*

*Inkisser rasi*
*biex*
*infittex l-aħjar*
*għal dawk*
*li mmexxi?*

# Li tmexxi bil-għaqal

Ir-responsabbiltà li għandu, Mulej,
min b'xi mod imexxi lill-oħrajn,
hija responsabbiltà mhix żgħira;
hija responsabbiltà serja,
responsabbiltà
li minħabba s-serjetà marbuta magħha
titlob minn dak li jkun
impenn kontinwu
biex iħaddimha b'għaqal kbir.
Agħti d-dehen
lil min għandu din ir-responsabbiltà
biex ifittex dejjem l-aħjar triq
ta' kif jaqdi din ir-responsabbiltà,
ta' kif din ir-responsabbiltà
jsarrafha fil-ġid veru
ta' dawk li jiddependu mid-direzzjoni tiegħu.

## Is-Sibt, 12 ta' Settembru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Kull min jiġi għandi u jisma' kliemi u jagħmel dak li ngħid jien, ħa ngħidilkom lil min jixbah. Jixbah lil wieħed li ried jibni dar, ħaffer fil-fond sa ma sab il-blat, u fuqu qiegħed is-sisien. Imbagħad għamlet xita bil-qliel, il-wied niżel b'qawwa kbira għal fuq dik id-dar, imma ma setax jheżżiżha, għax kienet mibnija tajjeb. Iżda min jisma' kliemi u ma jagħmilx li ngħid jien, jixbah lil wieħed li jkun bena daru fuq l-art mingħajr ma qiegħed sisien. Il-wied niżel b'qawwa kbira għal fuqha u minnufih iġġarrfet, u saret ħerba kbira minn dik id-dar!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 6, versi 47-49***

# 200

"Jeżistu nsara fl-apparenza biss:
persuni li jirtukkaw
lilhom infushom ta' nsara,
u fil-mument tal-prova
jkollhom biss l-irtokk ...
nies li jgħidu li ġejjin
minn familja kattolika ħafna,
li huma membri ta' xi għaqda;
li huma benefatturi
ta' xi għaqda oħra.
Imma l-mistoqsija
li dawn in-nies jeħtieġ li jagħmlu
lilhom infushom hija din:
'Ħajti hija mibnija fuq Ġesù
jew fuq l-apparenzi?'"

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 4 Diċembru 2014

*Fuqhiex*
*hi mibnija*
*l-ħajja tiegħi*
*ta' dixxiplu*
*tal-Mulej?*

*Jien*
*fl-apparenza*
*biss*
*nisrani?*

# Irtokk

Ma nafx li jien qatt għamilt xi pjan, Mulej,
biex ħajti nibniha fuq ix-xejn;
imma nistqarr li hemm drabi
li fihom narani nserraħ moħħi wisq
li Int il-Mulej tiegħi
għax jiena mgħammed,
għax quddiesa l-Ħadd immur,
għax minix nieqes
mill-kuntatt mal-Kelma tiegħek.
Imma x'jiswa dan kollu
jekk imbagħad ma nħallihomx jissarrfu f'ħajti,
jekk ma nħallikx tkun il-Mulej tiegħi tabilħaqq,
jekk ma nħallikx tgħinni nagħraf u nwettaq
dak li l-Missier irid minni?
Tħallinix, Mulej, inkun nisrani tal-isem;
tħallinix inkun nisrani bi ftit irtokk biss.